**14 ta' Marzu, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Reno Sultana

*versus*

Carmel Camilleri

**Evażjoni ta' Taxxa – Ordni Pubbliku – "Negozju Ġuridiku" – Forma**

*Il-Qorti hija tenuta li fuq prinċipju ta' ordni pubbliku tara li b'ebda mod ma tissanzjoni, lanqas indirettament, fil-ġurisdizzjoni tagħha, l-evażjoni tat-taxxa.*

*Fit-tieni lok, il-Qorti ma tistax lanqas tagħti konfort lill-partijiet għan-"negozju" li ma jistax jikkwalifika bħala wieħed "ġuridiku" jekk ma jikkonformax, anki mad-daqqa t'għajn, mal-forma li l-liġi tesiġi għal dik il-kwalifika.*

Il-Qorti: -

1. F'din iċ-ċitazzjoni l-attur ippremetta illi huwa fis-6 ta' Ġunju, 1989, xtara vettura tal-marka B.M.W. bin-numru J – 1199 mingħand il-konvenut, "*dealer*" fil-karrozzi, bil-prezz ta' tlett elef, mija u ħamsin lira (Lm3150). Il-vettura ġiet deskritta li kellha seba' (7) snin. Sussegwentement irriżulta li l-vettura ma kinitx ta' l-1982 iżda ta' l-1977 u għalhekk talab il-Qorti biex (a) tiddikjara li d-diskrepanza fis-snin tikkostitwixxi difett okkult; (b) konsegwentement, ixxolji l-bejgħ u tordna lill-konvenut li jirrestitwixxi l-prezz imħallas;

2. Il-konvenut eċċepixxa (a) il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni li saret oltre x-xahar konċess mil-liġi; (b) illi n-negozju ġuridiku li sar ma sarx mill-konvenut personalment u għalhekk huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur; (ċ) meta sar l-istess negozju l-vettura ma kinitx tal-konvenut;

3. Fil-15 ta' Ottubru, 1991, l-imsemmija Qorti akkoljiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' xahar avvanzata mill-konvenut u għalhekk ċaħdet it-talbiet attriċi;

4. L-attur appella għaliex huwa skopra d-differenza fiż-żmien tal-manifattura tal-vettura, meta ltaqa' mas-sid preċedenti tagħha sabiex isir it-trasferiment mill-Pulizija u dan kien il-15 ta' Ġunju, 1989, waqt li ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fl-14 ta' Lulju, 1989;

5. Fl-1989, meta ġraw il-fatti rrakkontati fiċ-ċitazzjoni, u fis-snin ta' qabel, kien *in vigore* l-Att XXXI ta' l-1981 – Taxxa fuq ċerti dokumenti – Kap. 294 (illum sostitwit bl-Att XVII ta' l-1993) u dan, fl-artikolu 40 kien jipprovdi hekk:

"(1) Bla ħsara għal kull liġi li tippreskrivi att pubbliku, kull trasferiment li għalih japplikaw l-artikoli 38 u 39 ta' dan l-Att, **taħt il-piena ta' nullità**, għandu jsir bil-miktub";

u l-artikolu 39 jagħmel riferiment proprju għal kull trasferiment ta' karrozza bil-mutur;

Jirriżulta ampjament mill-provi fil-proċess illi bejn il-partijiet qatt ma kien hemm bejgħ tal-vettura msemmija fiċ-ċitazzjoni. La tonqos din il-figura ġuridika huwa assolutament inutili li ssir indaġini ulterjuri. Anzi fil-każ preżenti, il-Qorti għandha l-obbligu li meta din il-mankanza tirriżultalha tieqaf immedjatament mill-indaġini tagħha u dan in omaġġ tal-prinċipju ta' ordni publiku għaliex, kif inhuwa magħruf, u kif isemmu l-partiujiet, bl-aktar mod apert u spavald fin-noti tagħhom, **mhux waħda imma aktar minn skrittura waħda ta' bejgħ hija nieqsa sabiex jiġi evitata il-ħlas tat-taxxa tal-boll**. Din l-evażjoni, malli tirriżulta kif intqal – tobbliga lill-Qorti li tieqaf immedjatament mill-operat tagħha għaliex b'ebda mod ma tista' tagħti di kwalità ta' konfort meta jirrikorri tali nuqqas;

6. Difatti fil-provi hemm:

(a) "Imbagħad meta għamilt dan l-aħħar pagament (m'hemmx indikazzjoni preċedenti għal xi "pagamenti") ftehimt ma' Michael Cini, li huwa sid il-karrozza, biex immorru nagħmlu *t-transfer*";

L-attur Reno Sultana, xiehda tal-5 ta' April, 1990:

(b) "Jiena kelli BMW bin-numru J – 1199. Din kont **bgħettha** lis-Sur Camilleri li huwa l-konvenut preżenti fl-awla. Fil-fatt għamilt "*part exchange*". Jiena ma tajthilux il-karrozza biex ibigħhieli, partatta ma' karrozza oħra. Tajthielu akkont tal-karrozza l-oħra illi ħriġt. Minn dak inhar ma kellix x'naqsam aktar ma' din il-karrozza. Mistoqsi jekk sarux **xi skritturi fuq dan in-negozju ngħid illi ma nafx**. It-*transfer* għadu ma sarx fuq din il-karrozza. Issa però t-*transfer* sar. Qed nirreferi għal dak inhar illi saret it-tpartita";

Michael Cini fix-xiehda li aktarx ta fil-5 ta' April, 1990:

(ċ) "Huwa minnu li jiena ffirmajt il-kambjali li hemm esebiti f'dawk *(sic)* l-atti. **Jiena għalija dawk huma kuntratt**";

7. Fin-nota ta' l-attur imbagħad hemm id-dikjarazzjonijiet segwenti:

"It-*transfer* tal-Pulizija jikkostitwixxi **biss** ir-reġistrazzjoni formali ta' sid ġdid ta' karrozza u m'huwiex, **fih innifsu l-att ta' bejgħ**;

4. Il-liġi tat-Taxxa fuq dokumenti kkwotata mill-konvenut tesiġi l-iskrittura għall-validità ta' bejgħ ta' vetturi. Fil-każ in eżami, l-irċevuti maħruġa (f'forma ta' *Bills of Exchange)* mill-konvenut lill-attur għandhom jissodisfaw din il-formalità u għalhekk il-bejgħ kien validu. Il-liġi ma tgħidx x'forma ta' skrittura għandu jkun hemm";

u aktar 'l isfel:

"Illi meta jixtru xi karrozza, biex jiffrankaw it-taxxa talbolli ma jirreġistrawx it-"*transfer*" għal fuqhom";

Issa huwa manifest illi l-"kambjali" esebiti ma jistgħux jissodisfaw il-vot tal-liġi għaliex kambjala hija modalità ta' pagament tal-prezz, miftiehem f'xi bejgħ, u mhux il-kuntratt ta' bejgħ;

Fin-nota tal-konvenut, fil-paragrafu 20 hemm esposti r-raġunijiet għaliex, a bażi ta' l-Att XXXI ta' l-1981, ma jeżistix "bejgħ" bejn il-partijiet;

8. Sorprendentement, is-sentenza appellata injorat kompletament din il-preġudizzjali fundamentali għall-kwistjoni kollha. Fundamentali għaliex huwa manifest illi jekk m'hemmx bejgħ, "*cadit questio*". U billi din il-kwistjoni ta' forma kontrattwali hija wkoll marbuta mal-ħlas ta' taxxa, allura l-Qorti hija tenuta li fuq prinċipju ta' ordni pubbliku tara li b'ebda mod ma tissanzjona, lanqas indirettament, fil-ġurisdizzjoni tagħha, l-evażjoni tat-taxxa;

Fit-tieni lok, il-Qorti ma tistax lanqas tagħti konforti lill-partijiet għan-"negozju" li ma jistax jikkwalifika bħala wieħed "ġuridiku" jekk ma jikkonformax, anki mad-daqqa t'għajn, mal-**forma** li l-liġi tesiġi għal dik il-kwalifika;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tħassar u tannulla s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tal-15 ta' Ottubru, 1991, billi din injorat li tikkunsidra l-prinċipju ta' ordni pubbliku involut fl-eċċezzjoni mogħtija a bażi ta' l-artikoli 39 u 40 ta' l-Att XVII ta' l-1981;

Iżda tiċħad l-appell ta' l-attur magħmul fuq motivi li m'għandhomx x'jaqsmu ma' dik l-injorata eċċezzjoni, u tiddisponi mill-azzjoni tiegħu billi tirriġettaha, għaliex ma kienx hemm il-vendita minnu pretiża, bejnu u l-konvenut, kif trid il-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti, billi d-deċiżjoni tagħha hija bbażata fuq l-imsemmija eċċezzjoni primarja u preliminari tiddikjara li ma kien qatt il-każ li tiġi kkunsidrata separatament l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ħlief biex din tiġi sempliċement u formalment riġettata, għar-raġuni li l-azzjoni li suppost li hija preskritta hija bbażata fuq allegata kuntrattazzjoni li legalment ma eżistiet qatt;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għall-attur.